

Kitba ta'
John Vella

# L-Iżvilupp ta' l-Edukazzjoni f'Bormla bejn l-1585 u l-1765


Fra Tomaso Gargallo

Minħabba r-rabtiet mal-ħajja marittima, Bormla mill-bidu kellha xi tip ta' edukazzjoni jew skejjel li kellhom l-għan li jgħaddu l-ħiliet u l-għerf marbut mal-ħajja ta' port bħall-kummerċ, is-snajja' u l-ilsna, l-aktar popolari mal-baħħara tal-Mediterran.

Minn żminjiet Puniċi t-tarznari u l-faċilitajiet xeħtu lil Bormla u d-daħla tagħha fuq ir-rotot tal-baħħara u l-kummerċ. Dak li llum sar is-suq ta' nhar ta' Tlieta beda, żviluppa u kiber fil-pjazza qrib ix-xatt fejn illum insibu Pjazza Paolino Vassallo bejn l-869 W.K. u l-1223 W.K. Fi żmien l-Għarab, skond it-tradizzjonijiet lokali dan stabilixxa ruħu bħala *suq fil-beraħ*. Bormla kienet tifforma parti mill-kwartier Għarbi. Fil-fatt Bormla hi l-unika belt mit-Tlett Ibliet fejn il-poplu sal-lum għadu jsejjaħ lill-akbar żewġ pjazez (Pjazza Paolino Vassallo u Pjazza Gavino Gulia) bħala *Is-suq il-qadim* u *Is-suq tal-ħut* rispettivament. F'dan l-ambjent hekk attiv kummerċjalment u f'sens internazzjonali kien hemm ħtieġa għal tagħlim ta' bosta ħwejjeġ marbuta mal-ħajja tal-port Malti.

Li tibda skola qatt ma kien ħafif, aktar u aktar wara l-1515 meta l-Konċilju ta' Trento daħħal ħafna sikkatura u kundizzjonijiet, fosthom l-iskomunika, għal min jippubblika jew b'xi mod jgħaddi tagħlim li l-Knisja ma tkunx approvat. Dokumenti li jagħtu tagħrif dwar l-edukazzjoni f'Malta huma l-atti tas-Sinodu Djoċesan li għamel l-Isqof Fra Tomaso Gargallo fl-1591.[1] Fihom insibu twissijiet lill-għalliema, imsejħa *ludi magistri*, biex mat-tagħlim tal-grammatika u suġġetti oħra jgħaddu tagħlim tad-duttrina Kristjana lil studenti tagħhom. Il-jum mogħti għat-tagħlim kellu jkun is-Sibt. Fil-Ħdud wara l-funzjonijiet tal-vespri kellhom jinqraw siltiet minn kitbiet Kristjani. Dawk li kienu mħallsa bħala għalliema mill-istituzzjni tal-Knisja kienu fid-dmir li jagħmlu dan.

Il-klassijiet kellhom ikunu mżejna bi xbihat qaddisa. Membri tal-kleru fqar jew irġiel

żgħażagħ kellhom jingħataw it-tagħlim b'xejn. L-għalliema li jazzardaw jiżolqu mir-regolamenti kienu jsofru kastigi skond kif iħoss u jiddeċiedi l-isqof.[2] Gargallo m'għamilx aktar talbiet mill-għalliema u dan seta' sewa tajjeb biex it-tagħlim ikun aktar ħieles. Imma sfortunatament fl-aħħar sessjoni tal-Konċilju ta' Trentu, il-Papa Piju IV ordna li l-livelli kollha ta' għalliema sew f'universitajiet jew dawk li jgħallmu l-grammatika kellhom ikunu membri tal-kleru jew lajċi li jistqarru t-twemmin tagħhom.[3]

Fl-1588 insibu mniżżla 5 skejjel fil-Birgu, li tlieta minnhom kienu mmexxija mill-qassisin u bil-permess tal-Knisja, waħda tan-Nutar Placido Abel bil-permess tal-Knisja u ta' l-awtoritajiet ċivili, u oħra tan-Nutar Andea Albano li ma kellu permess ta' ħadd. Fl-Isla kien hemm 2 li ma kellhom l-ebda permess. F'Bormla ma ġiet irreġistrata l-ebda skola imma kif se naraw 'il quddiem, m'hemm l-ebda dubju li bosta kienu jgħallmu mingħajr ma jitolbu l-permess tal-Knisja, sakemm ġew issikkati. Dawk fil-Birgu kienu jgħallmu l-elementari, il-grammatika u l-edukazzjoni legali. In-nutara kienu jgħallmu fid-dar tagħhom, filwaqt li l-qassisin kienu jużaw żewġ kappelli fiċ-ċimiterju biswit il-knisja ta' San Lawrenz. Dawk fl-Isla kienu jgħallmu elementari u grammatika, fid-dar tal-Kurat Dun Bernard Francese u Dun Francesco Caruana fil-knisja ta' San Ġiljan.[4]

F'Bormla, fejn il-popolazzjoni kienet mill-eqdem żminijiet f'kuntatt ma' baħħara u vjaġġaturi barranin, il-poplu kien miftuħ għal ideali ħielsa, avvanzati aktar u differenti mill-bqija tal-gżira. Wara l-Bolla tal-Papa *Inunctum Nobis* tat-13 a' Novembru 1564[5] il-Knisja f'Malta bdiet ftit ftit tissikka, u bejn l-1618 u l-1620 taħt l-Isqof Fra Baldassare Cagliares bdew jintalbu l-kundizzjonijiet tal-Bolla. Aktar m'għadda ż-żmien aktar bdew jieħdu l-istqarrija tal-fidi biex jgħallmu. Wara li jiksbu l-permess, il-kandidati kollha kellhom imorru quddiem l-Isqof jew il-Vigarju tiegħu biex jagħmlu l-istqarrija. Fl-1668 mad-dokumenti tas-Sinodu nthemżet kopja ta' l-istqarrija tal-fidi ppubblikata mill-Papa.[6] Sa tmiem is-seklu sittax l-awtoritajiet ċivili u tal-Knisja kienu jaqdfu għal rasom dwar il-ħruġ ta' permessi għat-tagħlim. Fis-sekli sbatax u tmintax l-Isqof kiseb aktar saħħa fid-deċiżjoni dwar ħruġ ta' permessi. Mill-1668 it-talbiet, *suppliche* bdew isiru b'mod regolari.


Fra Davide Cocco Palmieri

Fl-1693 iddaħħlu xi eżamijiet u fl-1703 meta twaqqaf is-seminarju nħasset aktar il-ħtieġa ta' għalliema awtorizzati. Issa ħadd ma seta' jgħallem jew jiftaħ skola bla permess ta' l-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri nnifsu, u l-għalliema bdew jiġu eżaminati minn persuni magħżula, fosthom Patrijiet Ġiżwiti.[7] Fl-istess snin kien hawn il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u eqdem minnu l-iskola tal-Muniċipju fl-Imdina.[8] Kollox ma' kollox, dan għen biex ikun hemm għalliema ta' livell sakemm fl-1713 beda jsir eżami pubbliku biex jintgħażlu għalliema.[9] Bejn l-1757 u l-1758 għal xi żmien reġa' ntelaq kollox u fin-nuqqas ta' isqof ingħataw permessi bla ma saru eżamijiet. Il-permessi kienu jinkludu l-parroċċa fejn wieħed għandu jgħallem u x'jgħallem, b'eċċezzjonijiet, restrizzjonijiet u ż-żmien tal-permess.

## It-Tagħlim f'Bormla

Fil-viżta pastorali ta' l-1588 jidhru żewġ skejjel waħda taħt l-isem ta' Dun Michele Cap u l-oħra taħt Dun Crispino De Caro, imma ma jingħata l-ebda tagħrif dwar is-suġġetti mgħallma.[10] Dun Mikiel Cap kien l-ewwel kappillan ta' Bormla u fl-iskola tiegħu kienu jattendu l-akbar numru ta' studenti: 50 student. Warajh kienet tiġi l-iskola tan-Nutar Abel b'40 student. Tajjeb li wieħed iqis li minn 142 student irreġistrati fuq sitta minn seba' skejjel dokumentati Dun Mikiel Cap kellu 35% ta' l-istudenti. Meta wieħed iqis in-numru ta' studenti mqabbel mal-popolazzjoni tat-Tlett Ibliet wieħed isib li dan kien jaqbel ħafna mal-perċentaġġ tal-popolazzjoni ta' Bormla mqabbla maż-żewġt ibliet l-oħra. F'Bormla f'dawk is-snin kien hawn popolazzjoni ta' 3,000 ruħ fi kważi 800 dar. B'hekk kien hawn 1.67% tal-popolazzjoni bħala studenti. Din l-iskola minkejja kollox ma tnizzlitx fuq Bormla fil-Viżta Pastorali ta' l-1588. Dan seta' seħħ minħabba l-konflitt li kien hemm frisk bejn il-kappillan xiħ u konservattiv tal-Birgu Dun Eutorpio Fava u l-kappillan ġdid u żagħżugħ li naqqaslu mill-pussessi tiegħu.

Meta tqis li l-Kulleġġ tal-Ġiżwiti twaqqaf fl-1592 u fl-1658 kellu 57 student għall-grammatika u 40 għall-umanitajiet (*Humanities*), dan juri li fit-tliet lokalitajiet tal-port kien hemm faċilitajiet ta' tagħlim tajba ħafna. Fl-1615 it-twaqqif ta' seminarju qrib l-Imdina kellu jipprovdi tagħlim u jilħaq inħawi oħra tal-gżira.[11] Fl-1618 żdiedet oħra fl-Isla ta' Dun Duminku Cassar.[12] Mill-1618 dehret l-ewwel skola f'Ħ'Attard u fis-snin sa l-1644 insibu aktar skejjel f'Ħal Lija, in-Naxxar, l-Imqabba, iż-Żurrieq u r-Rabat ta' Għawdex.[13] F'Bormla fl-1644 insibu wkola tal-Loġika mgħallma minn Dun Cristino.[14]


Dun Mikiel Anġ Vella

Mill-1721 'il quddiem waħda minn kull tmien permessi kienu fit-Tlett Ibliet. Bosta mill-applikanti stqarru li diġà għamlu bosta snin jgħallmu, ukoll jekk ma kien hemm xejn bil-miktub. Tul l-ewwel għoxrin sena tas-seklu tmintax ftit li xejn inħarġu liċenzji. Wara l-1721 is-sitwazzjoni nbidlet u ngħataw liċenzji għal tagħlim f'postijiet pubbliċi u privati. Filwaqt li l-Belt Valletta nħarġulha l-akbar numru ta' liċenzji fl-ewwel snin, biż-żmien l-affarijiet ma baqgħux l-istess u l-liċenzji naqsu bin-nofs. Fit-Tlett Ibliet ġara bil-maqlub u l-liċenzji kważi rduppjaw.

Fl-1721 Bormla kienet fuq quddiem, warajha l-Isla li żiedet u fl-aħħar il-Birgu li tilef l-importanza li kellu snin qabel. F'Bormla l-iskejjel telgħu minn 2 għal 22, fl-Isla minn 2 għal 12, u fil-Birgu minn 7 għal 8.[15] Meta mqabbla mal-popolazzjoni ta' Bormla fis-snin 1720-1721, insibu li fuq 3,000 ruħ kien hawn post ta' tagħlim għal kull 136 ruħ jew post ta' tagħlim għal kull 36 dar.

Fl-istess żminijiet l-irħula u Għawdex żammew il-pass fit-tixrid ta' l-edukazzjoni. Ftit kienu l-irħula li ma kellhomx xi liċenzja maħruġa. Lejn nofs is-seklu tmintax bejn l-1753 u l-1759, iddaħħlet sistema ġdida ta' tagħlim tal-grammatika, li bdiet tintuża fis-semintarju. Il-ktieb għat-tagħlim tal-Grammatika kien *Le Declinazzjoni dè Nomi e Conjugazione dè Verbi ossia il Donato* ta' Giovanni de

Rossi.[16] Fl-1753 lid-dekan Giovanni Camilleri minn Burmula, li kien eżaminat minn Dun Francesco Wizzino, inġibditlu l-attenzjoni biex jgħallem il-grammatika fuq is-sistema tas-seminarju. Fuq din il-grammatika kien jgħallem ukoll Dun Mikiel Angelo Vella.[17] Minkejja li l-grammatika kienet l-aktar suġġett mgħallem, f'Bormla nsibu t-tagħlim ta' suġġetti għolja bħall-Ittri Umani (*Litterae Humanae*) tip ta' *humanities* li nsibu fl-università u istituzzjonijiet ta' livell għoli. F'Bormla fl-1686 dan kien jgħallmu Dun Celestino Farrugia sa l-1700. Suġġetti oħra li kienu mgħallma fit-Tlett Ibliet bejn l-1644 u l-1721 kienu l-Loġika u l-Filosofija, il-Franċiż, l-Għarbi, is-Sirjâk, it-Tork, in-navigazzjoni, u l-aritmetika merkantili.

Qrib id-90% ta' l-għalliema kienu membri tal-Knisja. F'Għawdex uħud mill-qassisin għalliema kellhom biċċa iebsa meta tqis li kienu kappillani ta' rħula. Minn dawn id-dokumenti nindunaw li għalkemm fil-gżejjer Maltin kien hawn istituzzjonijiet bħas-Seminarju, il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, id-Dumnikani u l-Muniċipju, bosta oħrajn, individwi u istituzzjonijiet żgħar, kienu qegħdin jagħtu sehem għall-edukazzjoni tal-poplu. Kienu dawn iż-żgħar li ħaffew il-mixja ta' l-edukazzjoni fil-gżejjer tagħna u fi żmien qasir.

Oħrajn li nsibu fl-Appendiċi msemmija u dokumentati fuq Bormla huma dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1686 u 1700 | Dun Celestino Farrugia jgħallem il-Grammatika u l-*Litterae Humanae* |
| 1691 | Suddjaknu Alessandro Fiteni jgħallem il-Grammatika |
| 1699 | Dun Stefano Camilleri (m'għandniex x'kien jgħallem) |
| 1721 | Dun Giovann Callus u Dun Natale Farrugia jgħallmu l-Grammatika filwaqt li Dun Mattia Attard kien jgħallem il-Grammatika u l-*Litterae Humanae* (1696-1722) |
| 1722 | Dun Domenico Callus jgħallem il-Grammatika |
| 1728 | Dun Giovanni Baptista Hellul jgħallem il-Grammatika |
| 1730 | Djaknu Leopoldo Mamo jgħallem il-Grammatika |
| 1733 | Dun Michele Angelo Cachia jgħallem il-Grammatika |
| 1734 | Suddjaknu Giovann Baptista Caruana jgħallem il-Grammatika u l-*Litterae Humanea* |
| 1735 | Dun Giovanni Baptista Falzon jgħallem il-Grammatika |
| 1740 | Dun Felice Demarco jgħallem il-Grammatika, il-*Litterae Humanae*, ir-Retorika, Filosofija u Teoloġija. Id-Djaknu Giuseppe Fiteni kien jgħallem suġġetti li m'għandniex dettalji dwarhom. |
| 1743 | Dun Giovanni Caruana kien jgħallem u l-istess m'għandniex tagħrif dwar is-suġġetti tiegħu. |
| 1747 | Insibu lil Felice Vassallo u lil Dun Giovanni Battista Vassallo (1747-1759) jgħallmu l-Grammatika. |
| 1748 | Dun Felice Salzed minn Pantelleria jgħallem il-Grammatika. Id-Djaknu Francesco Rizzo kien jgħallem il-Kitba, il-Qari u l-Grammatika. |
| 1750 | Dun Giovanni Borg kien jgħallem il-Grammatika |
| 1753 | Djaknu Giovanni Camilleri kien jgħallem il-Grammatika |
| 1757 | Dun Giuseppe Caruana u Dun Celestino Dibiari jgħallmu l-Grammatika |
| 1758 | Dun Mattia Demarco jgħallem il-Grammatika |

1765 Dun Lorenzo Abela kien jgħallem il-Grammatika. Abela kellu Dottorat fit-Teoloġija.[18]

Pajjiż igawdi meta l-poplu jkollu maħżen ta' edukazzjoni tajba. Fejn l-edukazzjoni tkun nieqsa u mċaħħda lil min għandu dritt għaliha, is-Soċjetà tbati u tiftaqar. Il-Bormliżi ta' l-imgħoddi jagħtuna eżempju li m'għandniex ninsew.

**Referenzi:**


1 Archivium Archiepisscopale Melitense (AAM), Synodus 1591, 57v-60r.
2 Ibid. AAM 53v-54r.
3 Farraris, Lucius (Venice 1782), *Prompta Bibliotheca*, Tomus V, 440, Magister, 5.
4 AAM, Vista Pastorali 1588, 19r-20r, 19v-20v.
5 Concilium Tridentinum: diariorum, actorum, epistolarum, tractatuum nova colleciton. (Ed. Gorres-Gesellschaft) Vol. IX, 979, n2. Freiburg 1965.
6 Bibliotheca ta' Malta, Ms 54, Synodus Melevitana 1668, pp.10-13.
7 Sinodus Diocesana, 1703, Sess. II, Cap. XI, 8-9.
8 Cassar Pullicino, Joseph (1946) *Pre-Jesuit Education* in *The Sundial*, Vol. IV, No. 6, p.17.
9 AAM, Suppliche, 1710-1721, 178r.
10 AAM Vista Pastorali 1588, 19v-20v.
11 Archivji Notarili ta' Malta, Nutar Andrea Allegritto, 8 ta' Awissu 1615, 1615-1617, R. 16/31, 572r-573r.
12 AAM Vista Pastorali 1618, 31r.
13 AAM Secretariat – Rolli del Clero 1634-1661, Rollo 1644, varii.
14 Ibid. 17v (f'dan id-dokument Burmula tinqara bhala *Bunnula* minhabba l-kitba ta' *rm* qrib xulxin).
15 AAM ibid. Appendici A.
16 It-tielet edizzjoni saret fl-1783 u kopja tinsab fil-Bibliotheca ta' Malta.
17 AAM ibid. 710r.
18 AAM ibid. Appendici A et B. varie.



"TAR-RITRATTI"

*Għal Ritratti u Video tat-Tieġ, Għerusija, Magħmudija, Preċett u Griżma, kif ukoll Ritratti fl-Istudio*

133, Triq San Pawl
Bormla.
Tel/Fax: 21 666781

131, College Street
Rabat.
Tel: 21 453837